# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2019**

**Numru 8**

**Rikors Numru 35/18 TA**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Ian Chircop Beck u b'digriet tat-28 ta' Mejju l-Avukat Dr. Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Ian Chircop Beck**

2. **Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Bank attur li gie prezentat fl-10 ta' Jannar, 2018 u mahluf minn Johanna Bartolo fit-8 ta' Jannar 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, wiehed minnhom in atti n-Nutar Dottor John Gambin datat 26 ta' Jannar 2010 (Dok "A") u l-iehor datat 4 t'April 2011 in atti Nutar Anthony Grech Trapani (Dok. "B") is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil

Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif fis-somma ta' mija u sebgha u tmenin elef, hames mija u tnejn u disghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€187,592.36) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C20" u Dok."D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B" partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif;

   (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti,

   (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,

   (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru 2014 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana

mizzewgin Al-Sherif li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

2. Tikkundanna lil Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif jhallsu flimkien u *in solidum* lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u tmenin elf, hames mija u tnejn u disghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€187,592.36) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C20" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru 2014 (Dok. "E")."

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Josette Sultana u Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg (a` fol 77) li biha eccepew is-segwenti:-

"1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li l-konvenuti Sherif Said Mohammed Osama u Svetlana mizzewgin Al-Sherif ghalkemm notifikati skont il-ligi baqghu ma wegbux kif trid il-ligi u ghalhekk baqghu kontumaci;

Rat id-dokumenti kollha annessi kemm mar-Rikors Guramentat u anke dawn esebiti matul il-kawza mill-Bank Attur;

Rat l-affidavit ta' Johanna Bartolo ghan-nom tal-Bank Attur (a` fol 58);

Rat ix-xhieda mressqa mill-Bank Attur;

Rat li l-kuraturi deputati ppruvaw jikkomunikaw mal-konvenut Ian Chircop Beck izda minghajr success;

Rat li minkejja moghtija l-fakolta` li jippresentaw nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenuti konjugi Al-Sherif baqghu ma ghamlu xejn.

Ikkonsidrat

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu bbenefikaw minn facilitajiet bankarji minghand il-Bank Attur permezz ta' zewg kuntratti tas-26 ta' Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar John Gambin (a` fol 4) u dak tal-4 ta' April 2011 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani (a` fol 10). Jidher li f'xi zmien bejn 2013 u 2014 il-konvenuti waqfu ghal kollox milli jaghmlu pagamenti skont kif miftiehem mal-Bank Attur tant li fit-28 ta' Novembru 2014 kellha tintbaghat ittra ufficjali (a` fol 39).

Mill-affidavit ta' Johanna Bartolo ghan-nom tal-Bank (a` fol 58) jirrizulta li l-kontijiet u accounts tal-konvenuti kienu qeghdin juru li kienu waqghu serjament lura fil-hlas anzi addirittura waqfu jaghmlu pagamenti ghal kollox. Dan il-fatt rega' gie konfermat bil-gurament mir-rapprezentanti tal-Bank Attur mix-xhieda ta' Dorianne Tanti fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 (a` fol 92).

Id-deputata kuratrici Dr. Josette Sultana ghamlet minn kollox biex tikkomunika ma' wiehed mill-konvenuti u cioe` Ian Chircop Beck. Jidher li

sar kuntatt mieghu telefonikament izda dan tal-ahhar jidher li baqa' ma ghamel xejn (ara xhieda a` fol 94 tergo). Apparti dan il-konvenuti kollha mhux biss ma ghamlu ebda komunika mal-Bank attur, anke meta l-konjugi Al-Sherif kienu notifikati bl-ittra ufficjali fuq imsemmija, talli f'ebda hin ma ghamlu xi depoziti biex icaqalqu l-kontijiet taghhom biex jaqtghu mill-ammont li kellhom jaghtu.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija tal-fehma soda li t-talbiet tal-Bank attur gew ipprovati u jisthoqqilhom li jkunu milqugha.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel** talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-Bank Attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-Bank Attur.

**Tilqa' t-tieni** talba attrici u tikkundanna lil Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif jhallsu flimkien u *in solidum* lill-Bank Attur is-somma ta' mija u sebgha u tmenin elf, hames mija u tnejn u disghin Ewro u sitta u tletin centezmu (€187,592.36) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Ian Chircop Beck u Sherif Said Mohamed Osman u Svetlana mizzewgin Al-Sherif mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2017 sad-data ta' l-effettiv pagament.

**Spejjez** kollha tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenuti.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**